MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1340/1999/1

**Zest Promotions Ltd u Josephine Vassallo**

**vs**

**Noel Magri**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Gunju 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma sorte ta' Lm800 (tmin mitt lira Maltin) oltre imghaxijiet kummercjali dovuti minnhu ghal servizzi ta' organizzazzjoni u ko ordinazzjoni interalia

u xoghol iehor konness ma attivitajiet konnessi u tal-'Coca Cola Music Awards 1998'.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali, u zewg Mandatiu bl-imghaxijiet legali u kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Magri fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu respintistante li huma nfondati kemm fattwalment kif ukoll legalment oltre li b'mod partikolari jgi eccepiet ulterjorment:

(1) L-eccipjent ma kkontratta ebda xoghol u kwindi ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

(2) Illi l-atturi ma kienux gew inkarigati mill-konvenut biex jiehdu hsieb l-organizzazzjoni u kkundinazzjoni tal-Coca Cola Music Awards 1998;

(3) Illi l-attrici Josephine Vasallo flimkien ma persuna ohra kienu gew inkarigati fejn kellu x'jaqsam il-marketing lill-imsemmija attwita liema xoghol mhux talli ma giex esegwit ghas-soddisfazzjon tal-konvenut, izda spicca biex il-konvenut kellu jaghmel ix-xoghol huwa stess u jqabbad lill-haddiehor minflokhom;

(4) Illi ghalhekk l-atturi ma ghandhom ebda dritt jitolbu hlas ghax-xoghol li qatt ma gie esegwit minnhom

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm il-konvenut bl-ewwel eccezzjoni preliminari jikkontendi illi huwa ma kkuntratta ghal ebda xoghol mal-kumpanija attrici Zest Promotions Limited u ghalhekk m'ghandhu ebda relazzjoni guridika maghhom, mid-deposizzjoni tieghu stess u anke mill-provi l-ohra prodotti jirrizulta illi, ghalkemm ikkomunika personalment mal-attrici Josephine Vassallo biex jaghtiha l-inkarigu ta' *marketing u public relations,* sa mill-ewwel inkontru Josephine Vassallo kienet introduciet mieghu lil Josephine Aquilina u ghalkemm ma jirrizultax illi saret xi introduzzjoni formali tal-kumpanija Zest Promotions Limited fl-ewwel laqghat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jindikaw illi l-konvenut, bl-introduzzjoni ta' Josephine Aquilina u l-presenza kontinwa taghha, kellu jkun ghal menu konxju illi din kellha xi konnessjoni ma Josephine Vassallo u li kienet qed tippartecipa attivamentfl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu.

Anzi l-konvenut stess jirrikonnoxxi illi Josephine Vassallo meta introduciethu ma Josephine Aquilina kienet semmiet lill-kumpanija Zest Promotions Limited u li Aquilina u Vassallo kienu ser jghamelu ix-xoghol flimkien. Dan jirrizulta mid-deposizzjoni tal-istess konvenut (a fol 43 tal-process).

Infatti Josephine Vassallo, fid-deposizzjoni taghha, tiddikjara illi, ghalkemm kienet fil-bidu nett iltaqghat ma' Noel Grima, hija minn dejjem accettat l-inkarigu f'isem il-kumpanija Zest Promotions Limited u anzi stqarret illi hi fil-vesti personali taghha m'ghandha tiehu xejn minghand il-konvenut.

Ghaldaqstant filwaqt illi l-Qorti tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara illi r-relazzjoni guridika anzi tezisti biss bejn il-kumpanija Zest Promotions Limited u l-konvenut, qeghda wkoll tichad it-talba ta' Josephine Vassallo fil-konfront tal-konvenut, billi tiddikjara illi Josephine Vassallo personalment qatt ma pprestat servizzi lill-konvenut izda kienet biss ippartecipat fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet rikejst minhabba l-ineteress li

kellha fil-kumpanija kumpanija attrici Zest Promotions Limited u fl-interess tal-istess.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jirrizulta illi Noel Magri jippresenta ruhu bhala *Chairman* ta' bord li jorganizza l-Malta Music Awards izda jirrikonnoxxi huwa stess illi dan il-bord m'ghandu ebda personalita' guridika indipendenti u jikkonsisti f'hames minn nies illi ghalhekk ghandhom jigu meqjusa illi lkoll jagixxu f'isimhom personali.

Billi l-istess konvenut jirrikonnoxxi illi huwa l-persuna li jghamel tajjeb ghal-hlasijiet u jirrikonoxxi wkoll li huwa kien il-persuna illi kkommunika u inkariga lill-kumpanija Zest Promotions Limited allura ghandu jkun tenut responsabbli sabiex jghamel tajjeb ghal hlasijiet tal-prestazzjonijiet illi jista' jirrizulta li nghataw mill-kumpanija attrici.

Ma tirrizultax kontestazzjoni bejn il-kontendenti, illi effettivament il-konvenut kien talab l-ghajnuna tal-atturi sabiex jiehdu hsieb il-*marketing u public relations* in konnessjoni mal-organizzazzjoni tal-Malta Music Awards tas-sena 1998.

Jirrizulta wkoll illi l-atturi kienu gew inkarigati sabiex joffru s-servizzi taghhom in konnessjoni mat-tlett funzjonijiet pubblici li kienu jikkonsistu fi *press conference* segwita minn *nominations night* u fl-ahhar nett mill-*Music Awards Night* illi tghalaq il-programm ta' l-Music Awards ghas-sena 1998.

Fejn ma jaqblux il-kontendenti huwa dwar l-entita' u l-estenzjoni tal-prestazzjonijiet u ta' s-servizzi attwalment rezi mill-kumpanija attrici lill-konvenut.

Filwaqt illi l-atturi jsosstnu illi huma qdew fedelment u dettaljatament kull inkarigu lilhom moghti mill-konvenut u f'dan ir-rigwward ippresentaw kont dettaljat ta kull intervent taghhom bil-prezz relattiv, il-konvenut isosstni illi l-atturi kienu joffru s-servizzi taghhom sporadikament u minghajr ebda kontinwita' u anzi kien kostrett li jghamel il-maggor parti tax-xogholijiet fdati lill-atturi huwa stess

bl’assistenza ta’ impjegat tieghu. Anke minhabba id-diffikolta’ li kellhu biex jikkomunika mal-atturi.

L-istess konvenut inoltre jsosstni illi huwa ma kienx qed jippretendi illi ma jaghti xejn lill-atturi tas-servizzi fqar li rrendew, izda huwa kien pront illi jghamel pagament ferm inqas minn dak li qed jitolbu l-atturi.

Il-provi insegwitu jikkonsistu fid-deposizzjonijiet ta’ Josephine Aquilina u Josephine Vassallo fuq naha wahda, fejn isosstnu illi huma qdew l-inkarigu taghhom dettaljatament u skond l-istruzzjonijiet li kellhom u, minn-naha l-ohra, fid-deposizzjoni tal-konvenut u ta’ xi socji tieghu li, min-naha taghhom, isosstnu illi l-prestazzjonijiet tal-atturi kienu fqar u kellhom jipprovdu huma stess ghal diversi servizzi li kienu fdati lill-istess atturi.

L-atturi pero’ minn-naha taghhom, oltre illi ppresentaw prospett dettaljat tal-prestazzjonijiet u servizzi minnhom moghtija, ipprezentaw ukoll estratti minn diversi gurnali lokali fejn kien jidher illi almenu fejn jirrigwarda l-pubblicita’ rikjesta ghal programmi imhejjin mill-konvenut din kienet inghatat minnhom.

Inoltre jirrizulta wkoll mir-ritratti, kemm li jidhru fuq il-gurnali kif ukoll minn dak esibit, illi l-konvenut bhala organizzatur principali tal-Award ta’ dik is-sena ma ra xejn barra minn loku illi jidher ma Josephine Vassallo u Josephine Aquilina f’ l-istess ritratti u li l-gurnali jindikaw lill-istess Vassallo u Aquilian bhala l-persuni illi qeghdin effettivament jesegwixxu x-xoghol ta’ pubblicita u public relations.

Jirrizulta wkoll illi ghalkemm il-konvenut issosstni illi ma kienx sodisfatt bis-servizzi li kienu qed jaghtu l-atturi huwa xorta wahda ma derlhux li kellu jitterminalhom l-inkarigu; anzi jirrizulta illi f’kull okkazzjoni organizzata fir-rigward tal-Music Awards, huwa anzi baqa jutilizza s-servizzi taghhom f’kull wahda mis-serati li gew organizzati u sahansitra utilizza lil Vassallo u Aquilina sabiex jippartecipaw attivament fil-lejl finali u li Josephine

Vassallo tipprezenta fuq il-palk, hija stess, uhud mill-premjijiet li jinghataw.

Dawn huma kollha cirkostanzi indikativi illi l-konvenuti sakemm intemm l-programm kollu li kien qieghed jorganizza f'ebda mument ma intima lill-atturi illi huwa ma kienx sodisfatt bis-servizzi taghhom, jew li ma kienx intenzjonat illi jhallas ghall-istess servizzi.

Huwa difficili biex wiehed jikkoncepixxi illi l-atturi, kieku digia' intimati illi ma kienux ser jithallsu tax-xoghol fdat lilhom, kienu ser jibghu jaghtu is-servizzi taghhom sa l-ahhar mumenti minghajr ma anke jitolbu pagamenti akkont.

Anke mill-kumpless tal-estratti mill-gurnali li gew esibiti jidher illi l-programm kollu organizzat mill-konvenut kien intemm b'success u fl-istess estratti ma tirrizulta ebda kritika jew ilmenti ghal xi nuqqasijiet li setghu gew riskontrati matul l-organizzazzjoni ta' l-istess programm.

Inoltre waqt li jirrizulta li l-atturi specifikaw dettaljatament il-prestazzjonijiet kollha minnhom resi, il-konvenut ma pprovdix provi diretti biex jirribatti specifikament dak li kienu qed jippretendu illi ghamlu l-atturi. Kien mistenni li almenu jindika liema mill-prestazzjonijiet elenkati ma kienux gew rezi u liema gew esegwiti minnhu stess jew minn terzi sabiex il-Qorti tkuntista tikkoncentra fuq l-estensjoni ta' servizzi attwalment rezi mill-atturi.

Il-konvenut illimita ruhhu ghall-allegazzjoni li l-atturi ma kienux qdew l-inkarigu fdat lilhom kif kien mistenni u li ma kienux ghamlu dak kollhu li kien mistenni u inoltre allega illi l-atturi kienu sbaljati anke fid-data ta' meta giet organizzata is-serata finali li, skond il-konvenut, kienet effettivament saret fit-30 t'Ottubru 1998 u mhux fit-23 t'Ottubru tal-1998.

Izda anke dwar din l-ahhar allegazzjoni ma ngibux provi sufficjenti. Anzi l-estratti tal-gurnali esibiti, senjatament l-estratt mill-gurnal "The Times" .tal-25 t'Ottubru tal-1998 illi ma giex ikkontestat, jindika illi effettivament is-serata finali

organizzata mill-konvenuti kienet fit-23 t'Ottubru kif gie anke avzat u ppublicizzat fl-estratti l-ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-atturi huma gustifikati illi jippretendu illi huma taw servizzi u prestazzjonijiet lill-konvenut u li qdew dan l-inkarigu skond l-istruzzjonijiet li gew moghtija lilhom, izda jirrizulta wkoll illi ma kienx sar ftehim dwar x'kellhom jithallsu ta' dawn il-prestazzjonijiet.

Filwaqt illi l-atturi jsosstnu li kien il-konvenut li xtaq illi dwar il-kumpens kellhom jsiru negozzjati iktar tard, il-konvenut jsosstni illi kienu l-atturi illi ma xtaqux jiddiskutu x'kumpens kienu qed jippretendu.

Ghalhekk il-Qorti trid ukoll tistabillixxi jekk dak li qed jitolbu l-atturi huwiex gustifikat tenut kont tar-rati korrenti ghax-xoghol li ghamlu l-atturi fiz-zmien li jghamluh.

F'dan ir-rigward ma ngibux provi la minn naha u lanqas minn ohra. Ghalhekk biex il-Qorti tista' tasal ghal decizjoni f'dan ir-rigward trid tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-konvenut li qieghed jilmenta dwar dak li qed jitolbu l-atturi kien tenut illi jgib provi biex jirribatti r-rati applikati fil-pretenzjoni;  trid tikkunsidra wkoll il-fatt illi l-atturi ghal prestazzjonijiet li jghatu kienu liberi li jghamlu l-valutazjoni tax-xoghol mitlub minnhom; izda ghandu jigi ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-atturi wkoll anke qabel ma accettaw l-inkarigu kellhom almenu jghatu idea lill-konvenut ta' dak illi huma kienu ser jippretendu ghal prestazzjonijiet minnhom mitluba jekk ir-rati li kellhom f'rashom ma kienux dawk normalment applikabbli fil-kamp ta marketing u paublic relations.

Ghalhekk tenut kont ta' diversi cirkostanzi involuti f'din il-kwistjoni, il-Qorti, fin-nuqqas ta ebda prova li titfa xi suspett fuq ir-rati applikati mill-atturi, qedgha *arbitrio boni viri* tistabilixxi illi ghal prestazzjonijiet kollha li nghataw mill-kumpanija attrici s-somma ta' Lm905 (disa' mija u hames liri Maltin) ridotta ghal Lm800 (tmin mitt lira Maltin) kif mitluba mill-atturi hija gustifikata.

Ghaldaqstant qeghda tilqa t-talba tal-kumpanija attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm800 (tmin mitt lira Maltin) bl-imghax legali b'effett mis-16 ta' Settembru tal-1999;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, hlief ghal dawk li jirrigwardaw it-talba maghmula minn Josephine Vassallo li ghandhom ikunu a karigu taghha."

Il-konvenut hassu aggravat b'din id-decizjoni u talab li din tigi revokata in bazi ghal dawn l-aggravji:-

1. Il-kawza qatt ma messha saret kontra tieghu personalment izda se mai kontra l-membri kollha tal-kumitat organizzattiv. Jikkontendi ghalhekk li l-ewwel Qorti kellha tilqa' t-tieni eccezzjoni tieghu.

2. Mill-provi ma rrizulta minn imkien illi hu jew il-kumitat qatt saru jafu li fil-fatt kienu qed jikkontrattaw ma' xi socjeta` kummercjali. Isostni b'konsegwenza li kellha tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni tieghu.

3. Fil-meritu, l-apprezzament tal-ewwel Qorti kien zbaljat. In succint, huwa jirribatti illi ghalkemm l-inkariku moghti ma giex terminat, l-ewwel Qorti kellha tivvaluta jekk l-atturi pprestawx u pprovdewx is-servizzi ta' marketing u promotion.

Din il-Qorti ezaminat dettaljatament l-atti processwali u tista' tghid mill-ewwel illi ma ssib l-ebda gustifikazzjoni biex issostni l-ebda wiehed mill-aggravji sottomessi lilha mill-konvenut appellant.

Kwantu ghall-ewwel aggravju jigi osservat illi kieku l-kaz kien kif prospettat mill-appellant, l-ehfef soluzzjoni ghalih kienet dik li jitlob is-sejha fil-kawza tal-membri l-ohra tal-bord organizzattiv u mhux joqghod passiv biex minn fuq jippretendi li din il-fakolta` tezercitaha l-Qorti minfloku. Huwa veru li skond l-Artikolu 961 tal-Kap 12 il-Qorti kienet fakoltizzata tikkjamahom fil-kawza anke minghajr ebda talba da parte tal-konvenut. Dan pero` jissucciedi fil-kaz li

l-Qorti tirrikonoxxi n-necessita` ta’ sejha bhal din ghall-integrazzjoni u ekonomija tal-gudizzju. F’dan il-kaz izda l-ewwel Qorti, bir-ragun, accertat ruhha fuq ir-rizultanzi processwali illi l-membri l-ohra la kellhom interess fil-meritu u ma kienux persuni idonei li setghu jintlaqtu, avversament jew le, bl-ezitu tal-kawza. Dan il-hsieb taghha l-ewwel Qorti fformulatu fuq il-bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

i. Kif ammess mill-istess appellant, “il-Bord mhux xi bord kostitwit” (fol 42) u “l-kumitat hu kompost minn voluntiera biex jghinu lili” (fol 56);

ii. Il-kuntratti u l-inkontri mal-atturi saru minnu;

iii. It-tazzi ghall-event muzikali pprovdihom hu u kien hu wkoll li ghamel tajjeb ghall-hlasijiet, kompriz ir-reception, sala u ikel (fol 42, 44 u fol 55).

Dawn il-motivazzjonijiet huma kondivizi minn din il-Qorti u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Riferibilment ghat-tieni aggravju, li wkoll qed jigi michud, il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. L-appellant innifsu jistqarr fid-deposizzjoni principali tieghu illi ghalkemm fil-bidu huwa kkuntattja lill-attrici Josephine Vassallo, eppure f’wahda mil-laqghat kien inghata taghrif mill-imsemmija attrici li s-servizzi kommissjonati kienu ser isiru mill-kumpanija Zest Promotions Limited (fol 43). Dan jammettih ukoll ix-xhud Carlo Borg Bonaci (fol 58) li a propozitu stqarr illi “qabel beda l-Music Awards li saru fl-1998 naf illi kienu nvoluti Zest Limited u Josephine Vassallo”.

Dwar il-meritu jibda biex jinghad illi l-ftehim bejn il-kontendenti hu meqjus bhala kuntratt ta’ xoghol annoverat fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili fejn l-elementi karatterizzanti tieghu huma (a) l-prestazzjoni; (b) il-kompiment tal-attivita` assenjata bhala oggett tal-prestazzjoni u (c) l-korrispettiv miftiehem. Fil-kaz tal-ahhar element hu provvdut bl-Artikolu 1624 illi fejn il-hlas

mhux stabbilit fil-ftehim, jew b'ligi jew b'uzu dan jigi meqjus mill-qorti bi stima ta' periti, jew ukoll minghajr din l-istima, skond ic-cirkostanzi. Dan ifisser illi kwantu ghall-kumpens il-ligi tipprovdi gerarkija ta' karatteri preferenzjali kif il-likwidazzjoni tigi mizurata u cjoe (i) il-ftehim (ii) it-tariffi professjonali skond il-ligi jew bl-uzu (iii) l-istima tal-periti jew (iv) id-determinazzjoni mill-gudikant, li, in vista tal-konsiderazzjoni "skond ic-cirkostanzi", mhux marbut minn parametri stretti u precizi.

Dan premess, tajjeb li jinghad ukoll illi l-artikolu taht kumment jistabilixxi karattru personali tal-prestazzjoni ghalkemm irid jigi osservat ukoll illi ma hemm xejn x'izomm milli wiehed javvalla ruhu minn kolloboraturi ohra. Hekk sar f'dan il-kaz mill-atturi. Ara xhieda tal-konvenut appellant (fol 44 u fol 54).

Stabbiliti dawn il-principji guridici tal-kuntratt, din il-Qorti ma ssibx, b'konvinciment, illi dak ritenut mill-appellant fl-aggravju tieghu fuq il-meritu jinsab sorrett mill-provi. Anzi lill-Qorti, l-istess bhall-ewwel tribunal, jirrizultalha li l-prestazzjonijiet affidati gew ezegwiti u saru sew. Xorta ohra, wiehed kien ragonevolment jistenna li l-appellant kien 'a tempo debito' jew ma jaccettax il-prestazzjonijiet jew jattira l-attenzjoni tal-appellati fil-mument opportun illi hu ma kienx kuntent bix-xoghol u jitlobhom jirrimedjaw jew, addirittura, jopta biex jirrecedi mill-ftehim. Dan ma ghamlux u gjaladarba fuq l-istregwa tal-massima "omnia labor optat premium", l-appellati jimmeritahom li jigu rimunerati tax-xoghol li ghamlu. Ghall-Qorti l-appellati ssodisfaw bi provi dokumentali l-bazi tal-azzjoni taghhom u li huma ezegwew is-servizzi u l-prestazzjonijiet lilhom affidati.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza a karigu tal-konvenut appellant. Dawk tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------